MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 50/2000/1

**Matthew Mallia**

**vs**

**Maria Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta’ Jannar 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi l-attur xtara minghand il-konvenuta il-vettura tal-marka Volkswagen Golf Cabrio bin-numru ta' registrazzjoni BBI945 **(Dok A)** versu l-prezz ta’ elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200), liema ammont thallas lill-konvenuta.

Illi kif ser jirrizulta waqt il-provi l-attur inkorra spejjez ohra.

Illi din il-vettura ttiehdet mill-pussess ta’ l-attur mill-Pulizija Ezekuttiva peress li rrizulta li kienet misruqa.

Illi l-attur ma kienx jaf b'dawn ic-cirkostanzi u huwa nkorra danni.

Illi ghalkemm il-konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni hija baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi u prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:

1. Tiddikjara li l-bejgh tal-vettura tal-marka Volkswagen Golf Cabrio bin-numru ta' registrazzjoni BBI 945 huwa null.

2. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

4 . Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li qed tigi hekk likwidata, inkluz is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) prezz imhallas mill-attur ghall-akkwist tal-vettura fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legal tad-19 ta' Lulju 1998 u ta' l-ittra ufficjal ta’ l-20 ta' Awwissu 1999 u bl-imghax kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-15 ta’ Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Maria Cassar datata 25 ta’ Frar 2000 (fol 9) fejn esponiet : -

1. Illi fl-ewwel lok ma jistax jinghad li hemm bejgh peress li l-vettura ghadha registrata f'isem il-konvenuta u kwindi *una volta* li ma kienx hemm *transfer* kif trid il-ligi, ma hemmx bejgh. B'hekk l-azzjoni proposta hija priva minn kull fondament guridiku u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-sueccepit, ghalkemm l-ewwel talba hija li jigi dikjarat li l-bejgh huwa null, imkien fil-premessi ma hemm indikat il-kawza li ghandha twassal ghan-nullita' u kwindi rexxissjoni tal-bejgh kif trid il-ligi.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta ma ghandhiex twiegeb ghad-danni ghax minn dejjem kienet *in buona fede.* Semmai kull talba ghad-danni li tikkomprendi l-prezz imhallas ghandha tigi diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana li sakemm kienet fuq isem il-konvenuta anke accettaw hlas tad-dazju tal-vettura in kwistjoni. Difatti kienet in-non kuranza ta' dawn iz-zewg Awtoritajiet li kkawzat danni anke lill-istess konvenuta li minn issa qieghda tirriserva li tikkjamahom fil-kawza. Fi kwalunkwe kaz, fil-kalkolu tad-danni reklamati ghandu jigi mehdu kont l-utli li minnu bbenefika l-attur sakemm damet f' idejh din il-vettura.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata 14 ta' Frar 2005 a fol 135 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2000 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnci b' referenza ghad-digriet tat-8 ta' Marzu 2005 iddikjara illi mhuwiex ser iressaq nota ta' sottomissjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2005; u l-verbali tas-seduti l-ohra nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b' ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ Ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Novembru 2013 ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Qabel xejn il-Qorti tirrileva li ghalkemm din il-kawza giet intavolata fit-12 ta' Jannar 2000, giet assenjata lilha kif attwalment presjeduta b'surroga datata s-16 ta' Jannar 2013.

B'din il-kawza l-attur qed jitlob ir-rexxissjoni ta' bejgh ta' vettura Volkswagon Golf bin-numru ta' registrazzjoni "BBI-945" li kien xtara minghand il-konvenuta u li sussegwentement irrizulta li kienet misruqa. (Skrittura a fol. 5 tal-Process.) Din il-vettura spiccat li ttiehdet mill-pussess tal-attur mill-Pulizija Ezekuttiva. Il-firem u l-awtenticita` tal-iskrittura a fol. 5 gew ikkonfermati waqt il-proceduri.[1]

Il-konvenuta qed tghid li din il-kawza ma tistax tirnexxi peress li ma kienx hemm bejgh *stante* li t-*transfer* baqa’ ma sarx f'isem l-attur. L-attur lanqas spjega ghaliex qed isostni n-nullita` tal-ftehim. *Inoltre* l-venditrici kienet *in bona fede* u sahansitra kienet hallset id-dazju fuq il-vettura.

### Provi Prodotti

Xehed **in-Nutar Anthony Grech Trapani**[2] u kkonferma li kien ipprepara l-iskrittura ta' bejgh a fol. 5 tal-process izda din ma gietx iffirmata quddiemu.

[1] Verbal tal-25 ta' Mejju 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-firma fuq id-dokument a fol. 5 tal-process hija tal-konvenuta Mary Cassar u xhieda ta' Mary Cassar a fol.117.
[2]Xhieda a fol.17-18 tal-process.

Xehed **Brian Farrugia**[3] mid-Dipartiment tal-Licenzji u qal li l-vettura in kwistjoni kienet giet impurtata mill-konvenuta u ghadha registrata f'isem il-konvenuta mill-11 ta' Marzu 1999 u kienet licenzjata sad-9 ta Marzu 2000.

Brian Farrugia rega' xehed (fol 126 et seq) u spjega li meta tingieb karrozza mill-esteru ghall-Malta l-procedura hija li l-importatur jaghmel applikazzjoni. Fil-kaz prezenti l-importatur kienet Maria Cassar (**DOK BFA)**[4] Maria Cassar kellha tirregistra l-vettura mad-dipartiment tal-Licenzji fi zmien 15-il jum mid-data tal-applikazzjoni. Sab li d-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-importazzjoni tal-vettura kienet imressqa ghas-soddisfazzoni tad-dipartiment u l-vettura giet registrata mid-dipartiment tal-licenzji fil-11 ta' Marzu 1999. Hallset ukoll id-dazju **(DOK BFB)**. Wara d-dipartiment jibghat informazzjoni dwar il-vettura lill-Kummissarju tal-Pulizija biex isir tiftix jekk il-vettura tkunx registrata mal-Interpol bhala oggett ta' reat (**DOK BFC)** Esebixxa *inspection report* **(DOK BFD)** datat il-11 ta' Marzu 1999. Qal li "*sal lum ghadha ma giet ebda twegiba mill-Kummissarju tal-Pulizija..Kellna informazzjoni li tezisti restrizzjoni fuq l-imsemmija vettura, il-mizuri li jittiehdu kien la tithallas izjed il-licenzja taghha u lanqas li tigi trasferita lil terzi persuni."*

Ghall-finijiet tal-licenzja id-dipartiment ghadu jqis il-karrozza daqs li kieku ghadha fil-pussess ta' Maria Cassar u tista' x'hin trid tigi tiskrepjaha.

Xehed **l-attur Matthew Mallia**[5] u kkonferma li xtara il-vettura mill-konvenuta ghall-prezz ta' Lm1,200. Il-karrozza kellha n-numri esteri izda d-dazju mhallas meta xtraha (DOK MM1-MM2). Kien ilu xi disa' snin jara din il-vettura f'idejn in-neputi tal-konvenuta, Daniel Sullivan. Xi zmien wara gew il-pulizija fuq rapport li l-vettura kienet misruqa u, wara li ccekkjaw in-numri tac-*chassis* u tal-magna, ikkonfermaw li kienet il-vettura misruqa. Kellu jiehu l-karrozza lid-Depot fuq ordni tal-Pulizija. Qal li kien nefaq spejjez fil-vettura li elenkahom fl-affidavit tieghu.

---

[3]Xhieda a fol. 19 et.seq.tal-process.

[44]Dan id-dokument hu datat 19/12/1994 u jghid li l-vettura giet importata fl-1/8/1991.

[5] Affidavit a fol. 33 et.seq.tal-process.

Xi spejjez li ntefqu u xi xoghlijiet li saru kienu gew ukoll kkonfermati minn missier l-attur, **Carmelo Mallia**[6]. **Qal ukoll** li wara li kienu gew il-pulizija, kien tkellem mas-Surgent li gharrfu li l-karrozza kienet insterqet mill-Italja. Qal ukoll li kien tkellem ma' Daniel Sullivan li kien juza l-vettura peress li l-konvenuta hija mara anzjana u dan qallu biex ma jghid xejn lil zijtu. Ried jirranga u kellhom jmorru ghand avukat biex jirrifondi l-prezz tax-xiri lil ibnu. Minn dan kollu ma sar xejn.

Xehed i**s-Surgent Stephen Bunce**[7] u wara li kkonferma li l-vettura in kwistjoni kienet misruqa, xehed li mal-istess karrozza kien hemm diversi karrozzi ohra misruqin mill-Italja li jappartjenu lill-istess bniedem li gabhom hawn Malta - certu Louis Camilleri minn San Gwann. Meta mar ghand l-attur biex jinvestiga l-vettura, l-attur tah in-*number plates* taljani tal-vettura. Ikkonferma li kienet saret applikazzjoni biex jinbiddlu l-*plates* ghall-*plates* Maltin u n-numru BBI945 hu n-numru ufficjali. Hadu stqarrija ukoll mill-konvenuta.

Ma setax jispjega kif kellhom l-informazzjoni li l-vettura kienet ghand l-attur meta kienet registrata ghand il-konvenuta.

Xehed l-Ispettur **Maurice Curmi**[8] u gharraf il-Qorti li l-vettura kienet giet importata f'Malta fuq *temporary importation order* minn certu Louis Camilleri u meta bieghha lil Maria Cassar, din marret biex tirregistraha. F'dan l-istadju mill-verifiki taghhom irrizulta li kienet misruqa. L-vettura kellha numru ta' registrazzjoni f'Malta u anke *log book.* Ikkonferma li thallset id-dazju minn Mary Cassar. Huma gew infurmati li giet misruqa fis-16 ta' Gunju 1999. Ikkonferma wkoll li l-vettura kienet fil-*compound* tal-Pulizija.

Irrizultalu li l-vettura kienet inxtrat minn Matthew Mallia u thallas Daniel Sullivan.

---

[6] Affidavit a fol. 51 et.seq.tal-process.
[7] Xhieda a fol. 76 et.seq.tal-process.
[8] Xhieda a fol. 94 et.seq.tal-process.

Xehdet il-konvenuta **Maria Cassar**[9] u qalet li kienet tghix man-neputija taghha Marcelline Sullivan, omm Daniel Sullivan. Darba minnhom zewgha Roger kienet talabha tirregistra vettura fuq isimha peress li huma gja kellhom tnejn jew iktar fuqhom u "*jiena iffirmajt."* Ma kienetx taf x'gara wara peress li ma baghetx tghix maghhom. Gharfet il-firma taghha fuq id-dokument a fol.5 tal-process. Qalet li hi ma ssuqx u m'ghandhiex licenzja.

Hi xehdet li kienet taf li l-vettura ser tigi fuq isimha u ma kenitx taf x'gara mill-vettura.

**<u>L-Eccezzjonijiet Sollevati</u>**

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Il-konvenuta eccepiet li, fl-ewwel lok, *ma jistax jinghad li hemm bejgh peress li l-vettura ghadha registrata f'isimha".*

Din l-eccezzjoni mhiex legalment gustifikata.

Hu stabbilit bl-artikolu **1347 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta"** *li l-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej*".

Hu assodat fil-ligi u fil-gurisprudenza li meta *si tratta* ta' bejgh ta' vettura, l-forma skritta hija rikjesta *ad substantiam et validitatem* u mhux semplicement *ad probationem.*(Ara per.es. ***"Carmel Manicaro -v- Joseph Zahra"*** (App.Civ. - dec.fit-8 ta' Marzu 1996 LXXX.ii.503; "**Fedele Dalli v Alfred Caruana** - PA(JSP) - dec. fit-28 ta' Jannar 1993; "***Harry Falzon v Carmelo Tanti " -*** App.Kumm. - dec. fis-7 ta' Dicembru 1956).

[9] Xhieda a fol.116 et.seq. tal-process.

Illum il-gurnata l-forma tat-trasferiment hija simplifikata u hu bizzejjed li l-partijiet jiffirmaw formola inkorporata fil-*log book* tal-vettura.

Fil-kaz odjern il-bejgh tal-vettura kien sostanzjalment u formalment validu u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

**It-Tieni u t-Tielet Eccezzjoni**

*Inoltre* l-konvenuta eccepiet li mkien fil-premessi ma hemm indikat il-kawza li ghandha twassal ghan-nullita' u kwindi rexxissjoni tal-bejgh kif trid il-Ligi; u fi kwalunkwe kaz, m'ghandhiex twiegeb ghad-danni peress li kienet in *buona fede.*

Fil-kaz in ezami, il-vettura mibjugha kienet misruqa u allura ghandu japplika l-artikolu **1372** tal-Kap. 16 li jirregola l-bejgh ta' *'res aliena)*. Dan l-artikolu jiddisponi li :-

**"***Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 559, u tad-dispozizzjonijiet dwar il-Monti kwantu għar-rahan, il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu null:*

*Iżda dan il-bejgħ jista' jagħti lok għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor:*

*Iżda wkoll, in-nullità ta' dan il-bejgħ ma tista' qatt tiġi opposta mill-bejjiegħ."*

Il-bejgh ta' hwejjeg haddiehor huwa null izda "*aktar milli nullità radikali dan huwa kaz ta' annullabbiltà relattiva li jista' jinqeda biha x-xerrej biss."* ***("Anthony Muscat -v- Anthony Caruana "*****(PA (GCD) -** dec. fid-19 ta' Novembru 2004); Il-*bona fede* tal-venditur ma jiswiex meta huwa x-xerrej li qed imexxi l-kaz. Ix-xerrej ghandu il-jedd li jitlob ir-risarciment ghad-danni fil-kaz li ma kienx jaf, fil waqt tal-ftehim, li l-haga hija ta' haddiehor. (Ara ad.es.***"John Mizzi noe.v. Petty Officer John Crowther"*** *PA (AM) - dec. fl-4 ta' Gunju 1955.)* Il-*buona fede* tal-venditur mhuwiex rilevanti ghat-talba ghad-danni peress li l-legislatur irid li l-

indagni issir biss fuq l-*animus* tax-xerrej sabiex jigi stabbilit jekk ghandu jedd *o meno* ghar-risarciment pretiz.

Dwar dawn l-eccezzjonijiet l-attur ressaq sottomissjonijiet bl-iskritt filwaqt li l-konvenuta ma wegbitx u ma saru l-ebda sottomissjonijiet .

Stabbiliti il-principji legali applikabbli, mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li il-vettura Volkswagen Golf Cabrio bin-numru "BBI-945" nbieghet minn Maria Cassar lill-attur Matthew Mallia, u dan skont il-kondizzjonijiet imfissra fl-iskrittura esebita a fol. 5 tal-process datata it-12 ta' Marzu 1999. Din l-iskrittura giet redatta min-Nutar Grech Trapani u l-awtenticita` tal-firem giet ikkonfermata mill-partijiet. Il-prezz li hallas l-attur kien Lm1200, illum ekwivalenti ghall-€2795.25. Huwa minnu li t-*transfer* ma kienx ghadu sehh izda dan il-fatt ma jfissirx li l-proprjeta' ma ghaddietx ghand ix-xerrej tant li kien ikollu l-jedd li jghajjat lill-venditrici biex taghmel it-*transfer* relattiv bhala konsegwenza tal-iskrittura stess tal-bejgh.

Jirrizulta ppruvat li l-vettura kienet insterqet fl-Italja, qabel ma dahhlet gewwa Malta. Dan ikkonfermah l-Ispettur Maurice Curmi.

**Talba ghad-Danni u Likwidazzjoni**

L-attur b'din il-kawza qed jitlob ukoll ir-risarciment tad-danni subiti, liema talba ghandha wkoll tirnexxi peress li ma hemm ebda prova li x-xerrej kien jaf li l-oggett mixtri kienet misruqa fil-mument li xtrah. Id-danni mitluba jinkludu l-ispejjez inkorsi ghat-tiswija tal-*clutch* u l-*brejkijiet* tal-karrozza u spejjez ohra mehtiega biex il-vettura tkun *roadworthy.*

Id-danni li qed jitlob l-attur huma s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Prezz tal-vettura (Lm1200) - | €2,795.25 |
| Initial Registration Fee (Lm250)[10] | € 582.34 |
| Spejjez ta' assigurazzjoni (Lm80)[11] | € 186.35 |

[10] **Dok. MM3**

| | |
|---|---|
| Spejjez li nefaq fil-vettura (Lm159.14)[12] | € 370.70 |
| | **€3,934.64** |

Il-Qorti tqies li dawn l-ispejjez kienu mehtiega sabiex il-vettura issir *roadworthy* u tajjeb ghall-uzu u ghandhom jigu risarciti lill-attur. Ghaldaqstant qed tillikwida in ;inja danni s-somma komplessiva ta' tlett elef, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€3934.64).

Fid-dawl tal-provi u bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet legali rilevanti, il-Qorti tqis li t-talbiet tal-attur huma fondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa'** t-talbiet attrici billi:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li l-bejgh tal-vettura tal-marka Volkswagen Golf Cabrio bin-numru ta' registrazzjoni BBI 945 huwa null.

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici** u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' tlett elef, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€3934.64).

4 . **Tilqa' r-raba' talba attrici** u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li qed tigi hekk likwidata ammontanti ghal tlett elef, disa' mija u erbgha u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,934.64), liema somma tinkludi l-prezz imhallas mill-attur ghall-akkwist tal-

[11] **Dok. MM5**
[12] **Dokti MM6-MM9**

vettura fuq imsemmija, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------